MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2008

Rikors Numru. 702/1999/1

**John Mizzi.**

**vs.**

**Kummissarju tal-Pulizija u Avukat Generali**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors ta' John Mizzi datat 24 ta' Mejju 1999 pprezentat quddiem din il-Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Frank G. Camilleri a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi f'Dicembru 1994, waqt li l-esponent kien qed isuq it-*truck* tieghu gewwa Victoria, Ghawdex, erba' (4) Pulizija pajzana f'karozza mhux identifikata bhala tal-Pulizija, fosthom l-Ispetturi Antonello Grech u Paul Vassallo,

ghamlu insegwiment (*car chase*) fit-toroq ta’ Victoria sakemm issuperawh u arrestawh. Peress li l-esponent ma kienx jaf li huma Pulizija u haseb li riedu jaggreduh, wara saq lejn il-Fire Station ta’ Victoria u, kif appena wasal, hataf f’idu sikkina minn got-*truck* biex jiddifendi ruhu, izda minnufih gie superat mill-imsemmija Pulizija li kienu grew warajh. Dawn xehtuh fl-art b’sahha u ghal ftit ma dahhalx il-mus go sidru. Sa dak il-hin, dawn, fl-ebda mument ma kienu identifikaw ruhhom bhala membri tal-Korp tal-Pulizija, u kien proprju f’dak il-hin illi huwa sar jaf li huma Pulizija.

Illi huwa nzamm arrestat u tressaq il-Qorti b’hafna akkuzi, fosthom attakk u rezistenza lill-Pulizija u li kkawza ferita f’wicc l-Ispettur Paul Vassallo (u dan avolja fix-xhieda taghhom l-erbgha li huma ammettew li l-esponent fl-ebda hin ma xejjer bis-sikkina lejhom), u dan meta ma kien hemm xejn x’jiddentifikahom li kienu Pulizija. F’dawk il-granet ghamlet xita qawwija u l-barriera ta’ l-esponent gherqet bil-makkinarju fiha u l-esponent sofra hsarat finanzjarji ingenti, ghaliex ma setax jiehu hsieb isalva l-makkinarju *stante* li kien qed jinzamm arrestat.

Illi wara li nstemghu hafna provi minn Magistrat wiehed, il-kawza giet trasferita ghal quddiem Magistrat iehor. L-esponent ipprotesta ghaliex qal li kien hemm konsiderazzjonijiet ta’ kredibbilta` tax-xhieda tal-prosekuzzjoni li kienu xehdu quddiem l-ewwel Magistrat. Izda l-ilment tieghu ma giex milqugh.

Illi l-esponent talab lill-Kummissarju tal-Pulizija jiehu passi kontra l-erba’ Pulizija li ghamlu dak l-insegwiment minhabba xhieda falza, u sahansitra ghamel *‘challenge’ a tenur* ta’ l-**artikolu 541 tal-Kap 9**, izda l-Magistrat cahad it-talba biex jordna lill-Kummissarju tal-Pulizija jiehu passi. B’konsegwenza ta’ dan, l-azzjoni kontra l-Pulizija li ghamlu l-insegwiment illum giet preskritta.

Illi l-esponent ipprezenta kawza civili (Citazzjoni Nru. 232/95 fl-ismijiet ‘**Ganni Mizzi vs Antonello Grech et’**) kontra l-Pulizija li ghamlu l-insegwiment, izda dik il-kawza

jkollha tistenna l-ezitu tal-proceduri kriminali li l-Pulizija istitwew kontra l-esponent.

Illi wara li l-prosekuzzjoni ghalqet il-provi taghha, l-esponent ha l-pedana tax-xhieda u ta l-versjoni tieghu, u sostniha permezz ta' erba' xhieda okulari. Dawn xehdu fid-19 ta' Dicembru 1997, u sallum ma nstemghux aktar xhieda ghaliex l-esponent harrek bhala xhud lill-Kumissarju tal-Pulizija personalment, li ghal ragunijiet varji, qatt ma seta' jitla' jaghti x-xhieda tieghu. Id-difiza akkomodatu aktar minn darba billi ma opponietx ghal differiment, izda issa ma jistax ikun li dan ix-xhud jibqa' ma jinstemax. Il-kawza giet differita darba wara l-ohra u lanqas biss sar rikors mill-Kummissarju tal-Pulizija. Meta l-esponent ivverifika mad-Dipartiment Registratur, sab illi lanqas saret talba lill-Qorti – tant indrat is-sitwazzjoni li x-xhud ma jitlax – u dakinhar tal-14 ta' Mejju 1999 is-seduta giet differita.

Illi l-esponent ghandu diversi ilmenti, fosthom in-nuqqas ta' access ghall-Qorti billi l-Pulizija naqset li tinvestiga u tressaq il-Qorti lill-Pulizija li ghamlu l-insegwiment u aggredewh u wara taw xhieda falza, u issa m'ghandux rimedju effettiv kontra l-Pulizija peress li l-azzjoni kontra taghhom giet preskritta. *Inoltre*, l-esponent irid jiddefendi r-reputazzjoni tieghu u ma jistax. Barra dan, minhabba d-dewmien eccessiv u inoltrat, l-esponent mhux qed ikollu smigh xieraq fi zmien ragonevoli peress li l-ahhar xhieda fil-kawza nstemghu fl-1997. Sadanittant, il-Pulizija hammgulu ismu u r-reputazzjoni tieghu ma' l-Ghawdxin.

Illi l-fatti hawn fuq imsemmija u li jigu ppruvati ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza jikkostitwixxu lezjoni ta' l-**artikolu 39 tal-Kostituzzjoni** u ta' l-**artikoli 6 u 13 ta' l-Ewwel Skeda tal-Kap 319 dwar il-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijeit tal-Bniedem**, inkluz in-nuqqas tal-Pulizija li tinvestiga l-ilment ta' l-esponent u li tressaq lill-Pulizija responsabbli quddiem il-Qorti biex jirrispondu ghal ghemilhom, haga li m'ghadhiex aktar possibbli minhabba preskrizzjoni.

Ghaldaqstant jitlob umilment illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha taghmel dawk l-ordnijiet, tohrog dawk l-atti u taghti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq jew tizgura t-twettieq tad-dispozizzjonijiet ta’ l-**artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u ta’ l-artikoli 6 u 13 ta’ l-Ewwel Skeda tal-Kap 319 tal-Ligijiet ta’ Malta**, u taghtih kumpens xieraq ghall-ksur ta’ dawn id-drittijiet.

Rat li dan ir-rikors kostituzzjonali kien appuntata ghas-smiegh minn din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Frank G. Camilleri ghas-seduta tat-2 ta’ Gunju 1999.

Rat ir-risposta ta’ l-Avukat Generali u tal-Kummissarju tal-Pulizija datata 26 ta’ Mejju 1999 a fol. 9 tal-process fejn esponew:-

1. Illi l-azzjoni hija rrecevibbli *stante* nuqqas ta’ ezawriment tar-rimedji ordinarji kwantu bazata fuq allegat dewmien fis-smigh tal-proceduri kriminali billi r-rikorrent mhux talli ma talabx li s-smigh isir bl-urgenza jew b’pass mghaggel izda talli *‘ex admissis’*, meta kien hemm talbiet ghal differimenti “id-difiza akkomodatu aktar minn darba billi ma opponietx ghal differiment”;

2. Ukoll kwantu bazata fuq dewmien, l-azzjoni hija wkoll infondata billi d-dewmien ikkagunah ir-rikorrent stess, *inter alia*, billi talab il-produzzjoni ta’ xhud irrelevanti li huwa jaf li difficili li jsib il-hin biex jmur jiddeponi:

3. Illi ghalhekk *stante* li l-azzjoni hija nfondata kwantu bazata fuq dewmien, l-Avukat Generali m’ghandux *locus standi* f’dawn il-proceduri u ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

4. Illi kwantu bazata fuq nuqqas ta’ access ghall-Qrati l-azzjoni hija wkoll infondata billi r-rikorrenti ‘*ex admissis*’ fetah kawza civili (Cit. Nru. 232/95 fl-ismijiet “**Gianni Mizzi vs Antonello Grech**”) kontra l-Pulizija li huwa jilmenta mill-komportament taghhom.

Illi *di piu`*, c-*challenge* li ghamel ir-rikorrenti fit-termini ta' l-**artikolu 541 tal-Kodici Kriminali** fejn talab li l-Qorti tordna li jittiehdu passi kriminali kontra l-Pulizija li mill-komportament taghhom qieghed jilmenta, inghata smigh xieraq fi zmien ragjonevoli minn Qorti ndipendenti u mparzjali skond il-ligi u l-fatt illi wara li ezaminat il-kaz il-Qorti dehrilha li ma kellhiex tordna li jittiehdu passi kriminali certament li jezonera lill-Kummissarju tal-Pulizija minn kull dell ta' agir abbuziv u ma jqajjem ebda kwistjoni ta' ksur ta' drittijiet tal-bniedem.

Illi jekk din il-kawza tasal ghall-istadju tas-smigh tax-xhieda fuq il-meritu huwa certament indikat illi r-Registratur tal-Qrati jesibixxi lista tal-proceduri kollha mehuda mir-rikorrent kontra l-Pulizija koncernati sabiex il-Qorti jkollha l-istampa kollha quddiemha minn fejn ghandu jirrizulta b'mod car illi r-rikorrent mhux talli ma giex imcahhad mill-access ghall-Qrati izda talli abbuza minn dak id-dritt.

5. Illi l-allegazzjoniji fis-sens illi l-Pulizija in kwistjoni taw xhieda falza hija ghal kollox gratuita u certament huwa abbuziv illi din terga' tigi avvanzata wara li l-Qorti kompetenti biex tiddeciedi dwar ic-*challenge* esprimiet ruhha b'mod li jichad it-tezi tar-rikorrent. Illi anke f'dan ir-rigward ghandu jinghad illi l-valutazzjoni tal-kredibbilta` tax-xhieda hija haga li tispetta lill-Qorti kompetenti u diment li dik il-Qorti tkun toffri l-garanzija processwali ta' ndipendenza u mparzjalita` l-Qorti f'Sede Kostituzzjonali ma tidholx fil-kwistjoni.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat il-verbali quddiem din il-Qorti diversament presjeduta datati 2 ta' Gunju 1999, 30 ta' Gunju 1999 fejn Dr. Tonio Azzopardi talab li jirregola ruhhu; tal-15 ta' Lulju 1999 fejn il-kawza giet differita minhabba indisposizzjoni tal-Qorti; tas-17 ta' Settembru 1999 fejn il-kawza giet differita peress li d-difensur tar-rikorrenti kien imsiefer.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Frank G.

Camilleri tas-seduta 19 ta' Novembru 1999 fejn Dr. Tonio Azzopardi ghar-rikorrenti talab illi jaghmel nota ta' l-osservazzjonijiet dwar l-eccezzjonijiet ta' l-intimati fis-sens illi din il-procedura kostituzzjoni mhux ammissibbli u talab ukoll l-indulgenzi tal-Qorti biex taghtih zmien possibbilment sal-15 ta' Jannar 2000. Dr. Peter Grech issejjah tliet darbiet ma deherx. Inghata digriet. Il-Qorti laqghet it-talba u tat zmien lid-difensuri tar-rikorrenti biex jipprezenta din in-nota ta' l-osservazzjonijiet sal-15 ta' Jannar 2000, bil-*visto* tad-difensur ta' l-intimati li jkollu sal-15 ta' Frar 2000 ghar-risposta. Ir-rikors baqa' differit ghat-trattazzjoni fuq dawn l-eccezzjonijiet ghall-21 ta' Frar 2000.

Rat in-nota ta' l-osservazzjonijiet tar-rikorrenti datata 28 ta' Jannar 2000 a fol. 18 tal-process fejn sostna li l-procedura odjerna mhux limitatat dwar l-ilment ta' dewmien fil-procderi kriminali kontra r-rikorrenti, anke jekk illum il-Kummissarju tal-Pulizija bhala xhud xehed fl-istess proceduri kriminali izda xorta wahda dawn l-istess proceduri ghad iridu jigu konkluzi b'sentenza, izda wkoll ghaliex ghalkemm ir-rikorrenti talab lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jipprocedi kontra l-Ispettur Antonello Grech ghall-spergur l-istess Kummissarju rrifjuta li jaghmel dan u ghalkemm gie pprezentata *challange* kontra tieghu, l-Qorti tal-Magistrati cahdet it-talba tieghu b'dan li l-azzjoni kriminali kontra Antonello Grech tinsab preskritta ghalkemm jirrizulta car u tond li dak li qal bil-gurament fl-ewwel seduta ma kienx minnu u gie kontradett mir-rizultanzi processwali; lanjanza ohra kienet il-bdil ta' Magistrat li kien qed jisma' l-kawza u giet michuda t-talba tieghu sabiex jibqa' l-istess Magistrat u dan minkejja dak li inghad fis-sentenza "Il-Pulizija vs Joseph Bartolo" mill-Onorabbli Qorti Kriminali datata 9 ta' Settembru 1999 fejn inghad li dan iwassal ghall-annulament tal-istess sentenza. Fid-dawl ta' dan huwa sostna li ghad irid jiddeciedi jekk jipprocediex b'dan ir-rikors jew jaghmel rikors iehor tista' ssir minnu biss wara l-gheluq tal-proceduri kriminali u ghalhekk huwa kien ser jitlob li dan ir-rikors jigi diferit sine die sakemm jigu decizi l-proceduri kriminali kontra r-rikorrenti.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Frank G. Camilleri fejn fis-seduta tal-21 ta' Frar 2000 Dr. Tonio Azzopardi sostna li ma kellhu xejn x'jissottometti fir-rigward tal-eccezzjonijiet tal-intimati u l-Qorti estendiet it-terminu ghan-nota ta' osservazzjonijiet tal-intimati sal-21 ta' Marzu 2000 u ddiferiet ir-rikors ghall-finali trattazzjoni dwar dawn l-eccezjonijiet ghat-28 ta' April 2000.

Rat il-verbal tas-seduta tat-28 ta' April 2000 fejn il-kawza giet differita ghall-iskop tal-verbal precedenti.

Rat ir-rikors datat 18 ta' April 2000 fejn l-intimati talbu li jigu awtorizzati jipprezentaw nota responsiva u d-digriet datat 17 ta' Mejju 2000 fejn din il-Qorti kif presjeduta laqghet it-talba (fol. 27).

Rat il-verbal tas-seduta tat-23 ta' Gunju 2000 fejn il-kawza giet differita ghad-29 ta' Novembru 2000 biex tinstema' quddiem il-Qorti kif illum presjeduta.

Rat in-nota ta' l-osservazzjonijiet responsiva tal-Kummissarju tal-Pulizija datata 18 ta' April 2000 a fol. 29 tal-process fejn sostnew li s-sottomissjonijiet tar-rikorrenti bl-ebda mod ma jikkontrastaw l-eccezzjonijiet moghtija ta' ezawriment ta' rimedji ordinarji u ghalhekk tali eccezzjoni ghandha titqies li giet ammessa mir-rikorrenti u l-kaz ma jistax immur sine die.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem din il-Qorti kif hekk presjeduta datati 12 ta' Dicembru 2000, u 22 ta' Frar 2001 fejn il-kawza giet differita *sine die*.

Rat ir-rikors tar-rikorrenti John Mizzi datat 2 ta' Marzu 2001 a fol. 36 tal-process fejn l-esponent talab ir-riappuntament tar-rikors biex ikompli jinstema' u jigi deciz skond il-ligi; u l-Qorti laqghet it-talba u rriappuntat l-istess rikors ghad-29 ta' Marzu 2001 kif jidher a fol. 37 tal-process bid-digriet moghti fil-5 ta' Marzu 2001.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti kif hekk presjeduta tad-29 ta' Marzu 2001 fejn r-rikorrenti

inghata terminu ghall-prezentata tal-affidavits tieghu u gie nominat l-Assistent Gudizzjarju Dr. Kenneth Gulia sabiex jiffissa zewgt seduti ghall-provi kollha tar-rikorrenti.

Rat l-affidavit ta' John Mizzi pprezentat fit-22 ta' Mejju 2001 a fol. 68 tal-process u l-istqarrija tieghu datata 22 ta' Settembru 1995 (Dok. "I" – fol. 62) u dokumenti "PB1" sa "PB 3".

Rat is-seduti quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Kenneth Gulia datati 22 ta' Mejju 2001 fejn xehdet Elizabeth Mizzi, u dawk moghtija fid-19 ta' Dicembru 1997 quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gudikatura Kriminali minn Maria u Alfred Portelli, Mary Anne u Edward Depasquale li b'verbal datat 5 ta' Gunju 2001 il-partijiet jaqblu li ghandhom jaghmlu stat f'din il-kawza (fol. 99); il-verbali tad-19 ta' Gunju 2001; u dak tas-16 ta' Lulju 2001 fejn il-partijiet qabblu li jaqblu li ghandha tigi esebita kopja tax-xhieda ta' l-Ispetturi Antonello Grech u Paul Vassallo u P.S. Michael Portelli, u PC Vincent Apap u PC Mario Bonnici biex jifformaw parti mill-process.

Rat ix-xhieda ta' Ernest Gauci datata 22 ta' Mejju 2002 u ta' Judeas Thaddeus sive Teddy Ellis datata 31 ta' Ottubru 2002 u Domenic Apap datata 4 ta' Gunju 2003; ta' Antonello Grech tas-6 ta' April 2004; u ta' John Portelli ex PS 153 tal-25 ta' Ottubru 2005 quddiem l-Assistent Gudizzjarju.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma datati 3 ta' Lulju 2001, 21 ta' Novembru 2001, 26 ta' Frar 2002, 22 ta' Mejju 2002, 16 ta' Ottubru 2002, 3 ta' Gunju 2003, 23 ta' Ottubru 2003, 29 ta' Jannar 2004 u tal-1 ta' Gunju 2004 meta ssejjah ir-rikors ma deher hadd u r-rikors gie differit *Sine Die*.

Rat ir-rikors tar-rikorrenti John Mizzi *et* datata 4 ta' Gunju 2004 a fol. 153 tal-process fejn talab lill-Qorti joghgobha tordna li r-rikors jerga' jitqieghed fuq il-lista a spejjez tar-Registratur tal-Qorti; u l-Qorti b'digriet moghti fid-9 ta' Gunju 2004 kif jidher a fol. 155 tal-process ordnat lir-rikorrenti jindika b'nota xi provi ghad baqa' f'din il-kawza

Rat in-nota tar-rikorrenti datata 10 ta’ Settembru 2004 a fol. 156 tal-process u l-Qorti laqghet it-talba u rriappuntat l-kawza ghal nhar it-Tlieta 23 ta’ Novembru 2004.

Rat il-verbali tas-seduti tat-23 ta’ Novembru 2004, 27 ta’ April 2005, 3 ta’ Novembru 2005 fejn ir-rikorrenti ddikjara li ma ghandux provi izjed.

Rat il-verbal tas-seduta tad-9 ta’ Frar 2006 fejn Dr. Tonio Azzopardi talab li jigi allegat il-process tal-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Gianni sive John Mizzi** deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali datata 14 ta’ Novembru 2003 u l-Qorti laqghet it-talba u tat zmien ghall-presentata tan-noti ta’ osservazzjonijiet mill-partijiet.

Rat il-verbali tas-seduti kollha mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Kenneth Gulia, inkluza x-xhieda kollha quddiema prodotta u d-dokumenti kollha pprezentati.

Rat ir-rikors tar-rikorrenti datat 2 ta’ Mejju 2006 fejn talab estensjoni ta’ zmien sabiex jipprezenta nota ta’ osservazzjonijiet u l-Qorti laqghet it-talba b’digriet datat 3 ta’ Mejju 2006.

Rat il-verbal tas-seduta tal-4 ta’ Mejju 2006 fejn Dr. Tonio Azzopardi pprezenta nota ta’ osservazzjonijiet seduta stante tali nota a fol. 185 tal-process.

Rat in-nota ta’ l-osservazzjonijiet tal-Kummissarju tal-Pulizija u l-Avukat Generali datata 8 ta’ Jannar 2007 a fol. 205 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem din il-Qorti hekk presjeduta datati 17 ta’ Jannar 2007, 21 ta’ Marzu 2007, u 29 ta’ Mejju 2007 meta ssejjah ir-rikors deher Dr. Hubert Theuma ghall-intimat. Dr. Tonio Azzopardi ssejjah diversi drabi baqa’ ma deherx. Dehret Elizabeth Mizzi, mart ir-rikorrenti, li nformat lill-Qorti li r-rikorrenti kellu

appuntament f'ufficcju tal-Gvern. Dr. Tonio Azzopardi ssejjah diversi drabi baqa' ma deherx. Dr. Theuma talab li l-kawza tibqa' ghas-sentenza. Il-kawza giet differita ghas-sentenza in difett ta' ostakolu ghad-29 ta' Novembru 2007.

Rat ir-rikors ta' l-Avukat Dr. Tonio Azzopardi datat 12 ta' Novembru 2007 a fol. 219 tal-process fejn talab is-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza u l-Qorti b'digriet taghha moghti fit-13 ta' Novembru 2007 laqghet it-talba u ordnat s-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza kif jidher a fol. 220 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti datati 29 ta' Novembru 2007, 20 ta' Frar 2008, u 22 ta' Mejju 2008 fejn meta ssejhet il-kawza dehru d-difensuri tal-partijiet u r-rikorrenti. Id-difensuri trattaw il-kaz u l-kawza giet differita ghas-sentenza in *difett' ostacolo* ghas-27 ta' Novembru 2008.

Rat id-digriet datat 8 ta' Jannar 1997 fejn il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) cahdet it-talba tar-rikorrenti abbazi tal-**artikolu 451 tal-Kap 9** sabiex jittiehdu proceduri ta' xhieda falza kontra l-Ispettur Antonello Grech (fol. 195).

Rat il-process allegat fil-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs John Mizzi" deciz finalment mill-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali datat 14 ta' Novembru 2003.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat l-atti kollha prezentati mill-partijiet u d-digrieti relattivi.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi jirrizulta li r-rikorrenti fir-rikors tieghu qed jallega ksur tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem ghall-smigh xieraq fi zmien ragonevoli abbazi ta' **artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 ta' l-Ewwel Skeda tal-Kap. 319** peress li

qed jallega li kien hemm dewmien zejjed fil-proceduri kostitwiti mill-Pulizija kontra tieghu, u in partikolari sabiex jitressaq bhala xhud il-Kummissarju tal-Pulizija mitlub minnu, ghaliex inbidel il-Magistrat waqt l-istess proceduri, u peress li ma kellhux access ghall-Qorti ghaliex ried li l-Pulizija jipprocedu kontra l-Pulizija li ghamlu l-insegwiment minhabba dak li allega kienet xhieda falza izda ma thalliex jaghmel dan anke peress li c-*challenge* li saret a bazi tal-**artikolu 541 tal-Kap. 9** giet michuda.

Illi l-fatti tal-kaz in succint jikkonsistu li fit-22 ta’ Settembru 1995 ir-rikorrent kien qieghed isuq il-vettura tieghu gewwa Victoria, Ghawdex. F’xi hin, karozza ohra, li wara r-rikorrent jghid li sar jaf li kienet misjuqa minn Pulizija, ghamlet insegwiment wara l-karozza tieghu. Il-Pulizija ssuperawh u arrestawh. Peress li l-Pulizija kienu pajzana u huwa jghid li ma identifikawx ruhhom mieghu huwa ried jiddefendi ruhu u b’hekk hareg sikkina mill-gol-karozza tieghu. Kien hemm konfrontazzjoni u wiehed mill-Pulizija safa ferut. Ir-rikorrent tressaq fit-23 ta’ Settembru 1995 il-Qorti akkuzat b’diversi akkuzi fosthom  li fil-istess gurnata msemmija minghajr hsieb li joqtol jew iqieghed il-hajja ta’ haddiehor fil-perikolu car huwa kkometta sfreggu fil-wicc ta’ l-Ispettur Paul Vassallo persuna nkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li jkun ghamel jew minhabba li jkun ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta’ dak is-servizz u wkoll li ghamel rezistenza lill-Pulizija bi vjolenza jew hebb ta’ xorta ohra kontra l-Ispettur Paul Vassallo li ma titqiesx vjolenza pubblika, u akkuzi ohra u dan gie akkuzat u prezentat taht arrest quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) mill-Ispettur Antonella Grech.

Illi jidher li l-proceduri bdew fit-23 ta’ Settembru 1995 u l-Ispettur ta x-xhieda tieghu fis-26 ta’ Settembru 1995  fejn spjega kif l-Ispettur Vassallo ra lir-rikorrenti jaghmel manuvra hazina fit-triq u kellmu u jidher li r-rikorrenti ghamel mossa lil dan l-Ispettur u telaq isuq it-trakk u l-Pulizija tac-CID marru jsegwuh bil-karozza taghhom pajzana; f’hin minnhom ir-rikorrenti waqaf u hareg mit-trakk b’sikkina f’idejh u l-Ispettur Vassallo mar jigri warajh, waqa’ u rega’ qam u dahlu kollha fil-*garage* tal-Fire

Engine tal-Pulizija, u lahqu lir-rikorrenti u l-Ispettur Vassallo qabdu u tefghu mal-hajt, u l-Ispettur Grech qallu li kellu sikkina u tefa' lir-rikorrenti ma' l-art u jidher li l-Ispettur Grech waqa' fuqu wkoll u r-rikorrenti nehha s-sikkina minn idejh u sadanittant lahqu gew il-Pulizija l-ohra. Wara indunaw li l-Ispettur Vassallo kellu d-demm ma haddejh u gie certifikat minn l-Isptar li kellu *lacerated wound* fuq ir-*right cheek* li skond it-tabib Dr. Ian Galea xehed li kienet konbattibbli ma xi haga li taqta' u bil-ponta u kien hemm bzonn li jsiru hames punti ghaliex il-qatgha ma kienitx dritta imma kienet tinfetah. Fl-istqarrija r-rikorrenti xehed li ma indunax li kienu Pulizija.

Illi tali xhieda tal-Pulizija instemghet mill-Magistrat Paul Coppini fis-26 u 28 ta' Settembru 1995 u l-Ispettur Paul Vassallo xehed ukoll fis-6 ta' Ottubru 1995 u t-tabib Dr. Ian Galea xehed fit-30 ta' Novembru 1995 u fl-istess seduta l-prosekuzzjoni ddikjarat li ma ghandhiex provi aktar; fuq talba tad-difiza inhatar fl-istess data espert mediku sabiex jirrelata dwar in-natura tal-ferita u kif din giet ikkagunata u l-Qorti laqghet it-talba u nnominat lill Mr. Charles Swain; fl-1 ta' Frar 1996 l-Ispettur informa lill-Qorti li kellu appuntament ma' Mr. Charles Swain il-gimgha ta' wara; fil-21 ta' Marzu 1996 ir-rikorrenti talab differiment ghaliex l-avukat tieghu kellu xoghol Malta; fis-16 ta' Mejju 1996 Mr. Charles Swain baqa' ma deherx u gie sostwiet b'Dr. Joseph Louis Grech fuq talba tad-difiza; fit-18 ta' Lulju 1996 l-kawza giet differita ghaliex l-Ispettur Grech kien imsiefer; fis-6 ta' Settembru 1996 il-Qorti ordnat li jigi ffissat appuntament ghall-vista mill-espert mediku mill-aktar fis u fil-31 ta' Ottubru 1996 sar verbal fejn Dr. Azzopardi oggezzjona ghaliex l-istess espert mediku baqa' ma deherx; fis-6 ta' Novembru 1996 xehed Dr. Joseph Louis Grech  u sostna dwar l-istat attwali ta' l-istess ferita u wkoll li kienet kompatibili ma' oggett jew xifer li jaqta' u dan anke skond certifikat tieghu datat 6 ta' Novembru 1996; u fit-8 ta' Novembru 1996 l-Avukat Generali indika l-artikoli tal-ligi li bihom gie akkuzat r-rikorrenti u li l-kawza setghet tkompli tinstema mill-Qorti tal-Magistrati u fid-9 ta' Jannar 1997 il-Qorti informat lill-partijiet li l-kawza kellha tibqa' tinstema mill-Magistrat Giovanni Grixti u dan minkejja l-opposizzjoni tad-difiza.

Illi fit-28 ta’ Frar 1997 is-seduta giet differita, u l-Qorti fil-21 ta’ Mejju 1997 cahdet it-talba mid-difiza li saret b’rikors datat 15 ta’ Mejju 1997 sabiex il-kawza tibqa’ tinstema’ mill-Magistrat Coppini; fit-30 ta’ Mejju 1997 u 18 ta’ Lulju 1997 il-kawza giet differita peress li d-difensur tar-rikorrenti ma setghax jidher ghall-istess seduta; fis-17 ta’ Ottubru 1997 xehed r-rikorrenti u l-Ispettur Antonello Grech in kontro-ezami; fid-19 ta’ Dicembru 1997 xehdu Edward Depasquale, Alfred Portelli u Maria Portelli prodotti mid-difiza, u Dr. Tonio Azzopardi talab li ghas-seduta li jmiss jitharrku d-Direttur mill-Ufficcju tal-Licenzji, ufficjal dwar il-licenzji tal-barrieri u l-Kummissarju tal-Pulizija.

Illi fl-20 ta’ Frar 1998 il-kawza giet differita; fl-24 ta’ April 1998 l-kawza giet differita fuq rikors tad-difensur tal-imputat ghall-differiment; fis-26 ta’ Gunju 1998 l-kawza giet differita u l-istess gara fit-18 ta’ Settembru 1998, u fil-11 ta’ Dicembru 1998; fil-5 ta’ Marzu 1998 r-rikors gie differit peress li d-difensur tar-rikorrenti ma kienx ser jattendi ghaliex gie indikat li l-Kummissarju tal-Pulizija kellu impenji f’Malta; fis-16 ta’ April 1999 u fl-14 ta’ Mejju 1999 il-kawza giet differita u fid-9 ta’ Lulju 1999 il-kawza giet differita peress li sar rikors mill-Kummissarju ghad-differiment; b’rikors datat 11 ta’ Awissu 1999 ir-rikorrenti talab differiment peress li d-difensur tieghu kien ser ikun imsiefer ghad-data tas-seduta tas-17 ta’ Settembru 1999, u l-Qorti laqghet it-talba u l-kawza giet diferita ghat-12 ta’ Novembru 1999; b’rikors datat 31 ta’ Awissu 1997 ir-rikorrenti talab li l-Kummissarju jigi ordnat biex jidher b’mandat ta’ skorta u l-Qorti astjeniet milli tiehu konjizzjoni tat-talba kif indikat b’digriet datat l-1 ta’ Settembru 1999; fit-12 ta’ Novembru 1999 xehdu l-Kummissarju tal-Pulizija George Grech, Saviour Farrugia mid-Dipartiment tal-Licenzji, Franco Pisani mill-Awtorita’ ta’ l-Ippjanar u d-difiza ddikjarat li ma kellhiex aktar provi;

Illi sar rikors minn Dr. Tonio Azzopardi ghar-rikorrenti datat 10 ta’ Jannar 2000 fejn talab li terga tinstema x-xhieda tal-Kummissarju tal-Pulizija ghaliex huwa ma setghax jattendi ghall-istess seduta minhabba li kellu

kawza ohra f'Malta u l-Qorti cahdet it-talba b'digriet datat 15 ta' Marzu 2000; kien hemm differimenti tal-Qorti datati 4 ta' Frar 2000 u 28 ta' April 2000 u 15 ta' Mejju 2000; fil-21 ta' Lulju 2000 kien hemm differiment mitlub minn Dr. Tonio Azzopardi ghaliex kien impenjat b'xoghol Malta; u fit-3 ta' Novembru 2000 instemghet ix-xhieda ta' Elizabeth, Sarah u John Mizzi prodotti mid-difiza; fis-26 ta' Jannar 2001 intalab differiment mid-difiza ghaliex l-avukat tieghu kien indispost; fl-24 ta' April 2001 thassret is-seduta; u fit-13 ta' Lulju 2001 xehdu Anthony Grech u r-rikorrenti, il-Perit Joseph Mizzi u Rev. Anthony Borg u id-difiza ddikjarat li ma ghandhiex aktar provi; fis-26 ta' Ottubru 2001 il-kawza giet differita fuq rikors ta' Dr. Tonio Azzopardi ghall-differiment ghaliex kien impenjat b'xoghol il-Qorti Malta; fit-18 ta' Jannar 2002 saru s-sottomissjonijiet mill-partijiet u wara differimenti ohra s-sentenza inghatat fil-21 ta' Frar 2003 fejn inter alia l-imputat gie lliberat mill-ewwel, it-tieni u t-tielet akkuzi.

Illi b'decizjoni tal-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali l-istess rikorrenti gie lliberat mill-hames u sitt akkuzi u instab hati biss fir-rigward tas-sitt akkuza ghal sewqan traskurat u b'zieda mal-piena ta' multa ta' Lm20 u konfiska tas-sikkina, il-Qorti skwalifikat lir-rikorrenti mill-licenzji tas-sewqan ghall-perjodu ta' tliet (3) gimghat.

Illi waqt il-proceduri kriminali kontra r-rikorrent talab permezz tal-procedura ta' sfida, illi l-Kummissarju tal-Pulizija jiehu passi kontra l-Ispettur Antonello Grech minhabba li gie allegat li xehed falz fil-kawza "Il-Pulizija vs John Mizzi" meta pprezenta lir-rikorrenti taht arrest u waqt il-mori tal-proceduri, liema talba ma gietx milqugha mill-Magistrat presedenti Giovanni Grixti datat 8 ta' Jannar 1997 peress li sostniet li ma kienx hemm *prima facie* lok ghal tali proceduri u dan minghajr ma impingiet fuq il-veracita' o meno tax-xhieda prodotta u dan sabiex ma timpingiex fuq id-dritt tas-smigh xieraq tar-rikorrenti li kien ghadu ghaddej proceduri ta' kompilazzjoni u dan wara li sostniet li l-fatt li jkun xiehda li ma tkunx taqbel ma' dik moghtija ma jfissirx li jkun hemm kaz ta' xhieda falza u ghalhekk iddikjarat li ma hemmx lok ta' denunzja, rapport jew kwerela.

Illi r-rikorrent ipprezenta wkoll kawza ta’ natura civili kontra l-Pulizija kollha in kwistjoni fil-11 ta’ Dicembru 1995 quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) dwar l-incident li gara fit-22 ta’ Settembru 1995 li l-kawza kriminali dwaru giet deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) fil-21 ta’ Frar 2003 u l-appelli tar-rikorrent u l-Avukat Generali gew decizi mill-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell Kriminali fil-14 ta’ Novembru 2003 u jidher li din il-kawza dwar allegata nuqqas ta’ hila u hsieb u negligenza *da parte* tal-istess Pulizija fil-konfront tar-rikorrenti u dwar allegati danni kkawzati lilu jidher li ghadha pendenti sallum.

Illi dwar l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti, l-intimati eccepew li r-rikorrenti ma ezawriex ir-rimedji tieghu ordinarji u dwar dan din il-Qorti tirreferi ghal dak li nghad fil-kawza fl-ismijiet **“Raymond Vella u Victoria Bugeja bhala Diretturi u in rappresentanza tas-socjeta` Fekruna Ltd vs Il-Kummissarju ta’ l-Artijiet”** (Q.K. - 24 ta' Mejju, 2004) fejn l-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali sostniet li, ***“****il-legislatur halla fid-diskrezzjoni prudenti tal-Prim Awla biex, minn naha l-wahda ma jkunx hemm kawzi kostituzzjonali (jew taht il-Kap. 319) bla bzonn, izda minn naha l-ohra jigi assigurat li f'kazijiet li jimmeritaw li jigu ezaminati sew u taht il-lenti tal-Kostituzzjoni jew tal-Konvenzjoni Ewropea (anke jekk dawn setghu jigu ezaminati taht xi ligi ohra) dawn jigu hekk ezaminati, u dan fid-dawl tar-rimedju jew rimedji li "huma jew kienu disponibbli" favur il-persuna li tkun qed tallega vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali taghha. Konsegwentement meta l-Prim Awla taghzel li tezercita s-setghat taghha, din il-Qorti Kostituzzjonali ma tiddisturbax id-diskrezzjoni ezercitata minn dik il-Qorti hlief f'kazijiet fejn dik il-Qorti tkun manifestament u grossolanament zbaljat fl-uzu ta' dik id-diskrezzjoni”.*

Illi fil-kawza fl-ismijiet **“Tefarra Teseba Berhe v Kummissarju tal-Pulizija”** (P.A. (JRM) - 20 ta’ Gunju 2007) il-Qorti rribatiet li *“l-eżistenza ta’ rimedju iehor lill-parti li tressaq azzjoni ta’ allegat ksur ta’ jedd fundamentali tat il-Kostituzzjoni jew tat il-Konvenzjoni ghandha tirriżulta lill-Qorti bhala* ***stat ta’ fatt attwali u obbjettiv****, u d-diskrezzjoni li tista’ twettaq il-Qorti biex ma*

*teżeritax is-setghat taghha "jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk taghmel" minhabba l-eżistenza ta' rimedju iehor hija deciżjoni fuq tali* ***stat ta' fatt.'***

*'Illi meta jinghad li jkun hemm rimedju iehor xieraq, dejjem ikun qieghed jitfisser li tali rimedju jrid jitqies fid-dawl tal-ksur tal-jedd fundamentali li jkun qed jigi allegat li nkiser jew li jkun mhedded li sejjer jinkiser: ghandu jkun rimedju accessibbli, xieraq, effettiv u adegwat biex jindirizza l-ksur jew theddid ta' ksur lamentat."*

Illi applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami u wara li rat l-atti kollha processwali u qieset il-qofol tal-kwestjonijiet imqanqlin mit-talbiet tar-rikorrent, il-Qorti tasal ghall-fehma li hija ghandha tuża s-setghat kostituzzjonali taghha u dan peress li f'dan il-kaz il-lanjanza kostituzzjonali mressqa hija *ben oltre* dak li qed jintalab jew seta' jintalab permezz ta' proceduri civili normali – fil-waqt li fil-kamp kriminali, jidher li l-istess rikorrenti utilizza ir-rimedji lilu disponibbli kemm fil-proceduri kriminali li huwa kien involut fihom u kemm permezz tal-proceduri ta' sfida *ai termini* tal-**artikolu 541 tal-Kap. 9.** Jinghad ukoll li l-kawza civili dwar danni allegatament subiti mir-rikorrenti hija ben differenti minn dik tal-procedura odjerna ta' natura kostituzzjonali u l-parametri taz-zewg proceduri huma ben distinti minn xulxin.

Illi dwar l-eccezzjoni tal-Avukat Generali li jikkontendi li huwa mhux il-legittimu kontradittur f'dawn il-proceduri qed issir riferenza lejn l-**artikolu 181B tal-Kap. 12,** introdott bl-**Att XXIV ta' l-1995**, elenka min ghandu jirrapprezenta l-Gvern fi proceduri fil-qrati b'mod specifiku. Skond l-istess artikolu sub-inciz (1) il-Gvern ghandu jkun rapprezentat fl-atti u fl-azzjonijiet gudizzjarji mill-Kap tad-Dipartiment li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni. Fis-subinciz (2) il-ligi tghid li huwa l-Avukat Generali li jirraprezenta lill-Gvern f'dawk l-atti u l-azzjonijiet gudizzjarji li minhabba n-natura tat-talba ma jkunux jistghu jigu diretti kontra xi wiehed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartiment tal-Gvern.

Illi fid-decizjoni fl-ismijiet **"George Xuereb vs Registratur tal-Qrati et"** (deciza 8 ta' Novembru 2004) l-Onorabbli

Qorti Kostituzzjonali qalet illi, *“fis-sistema guridiku taghna, huwa r-ram Ezekuttiv tal-Gvern - il-kelma "Gvern" mifhuma fis-sens wiesgha u pjuttost dottrinali ta' "Stat" - li jidher kemm f'kawzi ta' natura penali (hekk ara, per ezempju, l-Artikolu 4(1) tal-Kodici Kriminali) kif ukoll f'kawzi ta' natura civili, inkluzi dawk kostituzzjonali. Infatti, huwa r-ram Ezekuttiv tal-Gvern li jinsab f'posizzjoni li jista' jaghti rimedju effettiv f'kaz li l-"Istat" jew wiehed mir-rami l-ohra jirrizulta, fi proceduri gudizzjarji, li jkun b'xi mod naqas; u huwa wkoll ir-ram Ezekuttiv li ghandu l-mezzi biex jista' jassigura li, safejn hu possibbli, iz-zewg rami l-ohra ma jagixxux b'mod li jigu lezi d-drittijiet ta' terzi”.*

Illi ghalhekk fil-kaz in disamina, peress li r-rikors promotorju jaghmel referenza u ghandu lanjanza, fost ohrajn, ghal allegat dewmien illi kien hemm fil-proceduri kriminali kontra r-rikorrenti u qed jintalab kumpens ghal dak konsegwentement soffert mill-istess rikorrenti minhabba l-allegat ksur tad-drittijiet fundamentali tieghu, tali rimedju jista’ jigi moghti mill-Istat li huwa rapprezentat f’dawn il-proceduri proprju mill-Avukat Generali u dan anke peress li l-istess jista’ jipprovdi ghar-rimedju rikjest. Din il-Qorti hija ghalhekk tal-opinjoni illi f’din il-kawza l-Avukat Generali huwa wkoll legittimu kontradittur.

Illi dwar l-allegat ksur tal-**artikolu 6 tal-Konvenzjoni u artikolu 39 tal-Kostituzzjoni** jinghad li dwar l-allegat nuqqas ta’ access ghall-Qorti li r-rikorrenti qed jghid li sofra ghaliex ma ingabux proceduri kriminali kontra l-Pulizija li ghamlu l-insegwiment u r-rikorrenti jghid li aggredewh jinghad li l-**artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem** jipprovdi li:-

“*Fid-decizjoni tad-drittijiet civili u ta’ l-obbligi tieghu jew ta’ xi akkuza kriminali kontra tieghu, kulhadd huwa ntitolat ghal smigh imparzjali u pubbliku fi zmien ragonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b’ligi. Is-sentenza ghandha tinghata pubblikament izda l-istampa u l-pubbliku jista’ jigi eskluz mill-proceduri kollha jew minn parti minnhom fl-interess tal-morali, ta’ l-ordni pubbliku jew tas-sigurtà nazzjonali f’socjetà demokratika, meta l-interessi tal-minuri jew il-protezzjoni tal-hajja privata tal-*

*partijiet hekk tehtieg, jew safejn ikun rigorozament mehtieg fil-fehma tal-qorti f'cirkostanzi specjali meta l-pubblicità tista' tippregudika l-interessi tal-gustizzja.'*

Illi r-rikorrent jilmenta illi kellu nuqqas ta' access ghall-Qorti billi l-Pulizija naqset li tinvestiga u tressaq il-Qorti lill-Pulizija li ghamlu l-insegwiment u li aggredewh. Il-Qorti tibda billi tghid illi d-dritt ghall-access ghall-Qorti mhux dritt li huwa elenkat bhala tali fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja pero zviluppat permezz tal-gurisprudenza. Il-Qorti irrikonoxxiet id-dritt ghall-access ghall-qorti fil-kawza "**Golder v. The United Kingdom"** (ECHR – 21 ta' Frar 1975) fejn inghad li l-Qorti sostniet illi ma taghmilx sens illi ikunu garantiti id-drittijiet ghas-smigh xieraq quddiem tribunal imparzjali u indipendenti jekk effettivament individwu ma ikollux access ghal din il-qorti. Artikolu 6 para. 1 ma jaghtix id-dritt ghal dan l-access esplicitament izda dan jemani mill-kumpless tal-principji deskritti f'dan l-artikolu b'dan li l-Qorti waslet ghall-konkluzjoni illi d-dritt ghas-smigh xieraq huwa inkonceppibli minghajr id-dritt ghall-access ghall-Qorti.

Illi fl-fatt fl-istess decizjoni inghad li *"it would be inconceivable, in the opinion of the Court, that Article 6 para. 1 (art. 6-1) should describe in detail the procedural guarantees afforded to parties in a pending lawsuit and should not first protect that which alone makes it in fact possible to benefit from such guarantees, that is, access to a court. The fair, public and expeditious characteristics of judicial proceedings are of no value at all if there are no judicial proceedings. Taking all the preceding considerations together, it follows that the right of access constitutes an element which is inherent in the right stated by Article 6 para. 1 (art. 6-1). This is not an extensive interpretation forcing new obligations on the Contracting States: it is based on the very terms of the first sentence of Article 6 para. 1 (art. 6-1) read in its context and having regard to the object and purpose of the Convention, a lawmaking treaty (see the Wemhoff judgment of 27 June 1968, Series A no. 7, p. 23, para. 8), and to general principles of law".*

Illi izda l-Qorti Ewropeja tghid ukoll illi Stat jista' jipprekludi l-access ghall-qorti jekk ikun hemm ghan legittimu u porporzjonat tant li inghad li:-

*"Since the impediment to access to the courts, mentioned in paragraph 26 above, affected a right guaranteed by Article 6 para. 1 (art. 6-1), it remains to determine whether it was nonetheless justifiable by virtue of some legitimate limitation on the enjoyment or exercise of that right. The Court considers, accepting the views of the Commission and the alternative submission of the Government, that the right of access to the courts is not absolute. As this is a right which the Convention sets forth (see Articles 13, 14, 17 and 25) (art. 13, art. 14, art. 17, art. 25) without, in the narrower sense of the term, defining, there is room, apart from the bounds delimiting the very content of any right, for limitations permitted by implication".*

Illi fil-kaz **"Garcia Manibardo vs Spain"** (ECHR - 15 ta' Frar 2002) il-Qorti Ewropea sostniet li l-fatt li l-*Audiencia Provincial* obbligat lill-appellanti biex thallas ammont ghall-appell taghha effettivament ipprekludiet l-applikanti milli tuzufruwixxi minn remedju. Dan l-agir, skond il-Qorti, kien '*a disproportionate hindrance… in the way of her right of access to a court. Consequently, there has been a violation of Article 6 § 1.'* Il-Qorti Ewropeja ripetutament insistiet fuq id-dritt ta' access ghall-qorti fil-kuntest tal-hlas tat-taxxi u l-punt vitali huwa illi irid ikun hemm access effettiv ghall-qorti u mhux biss access ghall-istess li huwa biss formalita' jew jezisti biss b'mod teoretiku. F'dan is-sens l-ezami li jrid isir huwa dak mhux biss li jkun jezisti provediment legislattiv li jipprovdi ghall-istess izda jrid ezami mill-organu gudizzjarju sabiex jara u jizgura li effettivament f'kull kaz individwu ghandu l-possibbilta' illi jaghti effett il-ligi billi effettivament jaccedi quddiem l-istess Qorti.

Illi jekk ikun hemm xi ligi procedurali illi effettivament tipprekludi lill-individwu mill-access ghall-qorti, il-Qorti Ewropeja tara jekk dik il-ligi procedurali hija proporzjonata ghall-effett ta' dik il-ligi b'mod li l-effett ta' tali proceduri ma

ghandhux ikun li effettivament l-access ghall-Qorti ikun fil-verita' michud jew maghluq.

Illi fil-kaz **"Belez and Others vs the Czech Republic"** inghad li *"The issue raised in the present case is legal certainty. The problem is not simply one of interpretation of substantive rules, but that a procedural rule has been construed in such a way as to prevent the applicants' action being examined on the merits, with the attendant risk that their right to the effective protection of the courts would be infringed (see, mutatis mutandis, Miragall Escolano and Others)".*

*Inoltre* fil kaz ta' **"Brumarescu vs Romania"** (ECHR 28 ta' Ottubru 1999) il-Qorti qalet li *"The right to a fair hearing before a tribunal as guaranteed by Article 6 § 1 of the Convention must be interpreted in the light of the Preamble to the Convention, which declares, among other things, the rule of law to be part of the common heritage of the Contracting States. One of the fundamental aspects of the rule of law is the principle of legal certainty, which requires, inter alia, that where the courts have finally determined an issue, their ruling should not be called into question".*

Illi fil-kaz odjern r-rikorrent isostni illi ma inghatax smigh xieraq ghaliex ma' kellux access ghall-qorti li setghet tiddetermina l-kawza tieghu u dan ghaliex il-Pulizija ma pproceditx kontra l-Pulizija li insegwewh u arrestawh, izda fil-verita' din il-Qorti thoss li din il-lanjanza ma' hijiex ben fondata u dan peress li effettivament utilizza l-procedura ta' sfida sabiex jitlob lill-Qorti sabiex tordna lill-Kummissarju tal-Pulizija jiehu proceduri kontra membri tal-korp li gew indikati mir-rikorrenti.

Illi fil-fatt fil-procedura ta' sfida jidher li hemm ir-rekwisiti kollha sabiex l-istess tigi kkunsidrata bhala li taghti smigh xieraq lill-istess rikorrenti u fil-fatt mid-decizjoni stess tal-istess sfida moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali jirrizulta li l-lamentela tar-rikorrenti giet ben ventilata u jirrizulta li ma kienx hemm kaz lanqas ta' *prima facie* dwar l-allegata xhieda

falza ta’ membru tal-Korp tal-Pulizija hemm indikat u fil-fatt jidher car li mill-mod kif agixxa l-istess membru u fix-xhieda tieghu waqt il-kumpilazzjoni ma jirrizulta bl-ebda mod li kien hemm kaz ta’ xhieda falza taht gurament. Dan jinsab ikkonfermat anke fid-decizjoni tal-istess Qorti peress li l-fatt li x-xhieda ta’ persuna ma tigix addottata mill-Qorti dan ma jwassalx sabiex ikun hemm kaz ta’ ghoti ta’ xhieda falza. Fil-fatt mill-atti processwali jidher li l-istess membru tal-korp tal-Pulizija kien attent ghal dak li xehed quddiem il-Qorti fejn xehed biss dak li huwa ra u hass u bl-ebda mod ma jidher li pprova jivvinta jew jaqla’ xi haga kontra r-rikorrenti, tant li mhux biss fil-procedura ta’ sfida, izda wkoll fis-sentenza moghtija, l-istess Qorti wara li ezaminat allura x-xhieda kollha, bl-ebda mod ma indikat li kien hemm xi kaz ta’ xhieda falza.

Illi il-kaz ta’ sfida kontemplat u ezercitat mir-rikorrenti jista’ jinghad li jikkwalifika mal-kazi fejn il-Qorti Ewropeja qalet diversi drabi illi meta lment ikun suggett ghall-awtorizzazzjoni tal-Qorti sabiex ikun jista’ jitressaq gudizzjarjament quddiem Qorti ohra mhix indhil sproporzjonat u ghalhekk il-fatt li meta ssir sfida wiehed irid jiehu d-decizjoni favorevoli mill-Qorti ma’ tistax titqies bhala li hija *“a disproportionate hindrance”* ghall-proceduri diretti quddiem il-Qorti, (vide “H v United Kingdom” [1985] u “Stubblings and others v United Kingdom” [24th September 1996]). Dan qed jinghad bla pregudizzju ghall-fatt li l-istess rikorrenti civilment seta’ jagixxi b’kull mod possibbli kontra l-istess membri tal-Pulizija u anke fuq kawzali ben differenti minn dawk proposti minnu fil-kawza civili. Ghal dawk li huma proceduri kriminali, l-fatt li skond il-ligi taghhna, jista’ jkun il-kaz li sabiex tagixxi lill-Pulizija jipprocedu kriminalment kontra persuna jkun hemm bzonn ta’ procedura ta’ sfida, ma jistax jinghad b’daqshekk li ma hemmx access lejn il-Qorti u dan iktar u iktar meta l-istess Qorti ghandha s-salvagwardji kollha necessarji ta’ Qorti indipendenti u imparzjali skond il-Kostituzzjoni u ghalhekk il-procedura hija u tibqa’ wahda effettiva. F’dan il-kaz *de minimis* tali procedura tista’ tigi kkunsidrata bhala indhil legittimu da parti tal-ligi ta’ l-Istat b’dan ukoll li l-procedura ta’ sfida hija procedura li ghandha s-salvagwardji kollha kostituzzjonali biex ikun hemm smigh xieraq. F’dan il-

kuntest din il-Qorti ta’ kompetenza kostituzzjonali ma ghandhiex tintuza bhala qorti ta’ appell immirata sabiex tirrevedi l-operat tal-qorti ohra (f’dan il-kaz il-Qorti tal-Magistrati) u dan iktar u iktar meta l-istess decizjoni moghtija hija ben motivata u rrispettat id-dritt ta’ smigh xieraq tal-istess rikorrenti fuq kollox.

Illi dwar l-ilment ta’ nuqqas ta’ smigh xieraq fi zmien ragonevoli l-Qorti sejra taghmel riferenza ghar-referenza kostituzzjonali fl-ismijiet **“Pulizija vs Lawrence Attard”** (P.A. (JRM) deciza fl-1 ta’ Awissu 2004) fejn inghad *“illi d-dritt fundamentali tal-individwu li jkollu l-kawza tieghu mismugha b'mod xieraq u fi zmien ragonevoli timponi fuq l-Istat li jhares id-Dritt li jassigura l-ezistenza u z-zamma fis-sehh ta' sistema efficjenti ta' amministrazzjoni ta' gustizzja. Dan jitnissel billi l-Istat jipprovdi strutturi, rizorsi u ghodod li bihom il-Qrati jkunu jistghu iwettqu xogholhom kif imiss. B'zieda ma dan, inghad ukoll li l-investigazzjoni ta' dewmien fis-smigh ta' kawza m'ghandhiex issir semplicistikament fit-termini dojoq tal-kawza partikolari, imma f'termini ferm usa' li jhaddnu c-cirkostanzi kollha li fihom dik il-Qorti tkun qeghda tahdem fiz-zmien relattiv”.*
*‘B'danakollu, jekk minhabba l-inadekwatezza tal-istrutturi li tfasslu biex tithaddem il-makna tal-amministrazzjoni tal-gustizzja jbati bla htija c-cittadin, l-Istat irid jaghmel tajjeb ghal tali tbatija”.*

*“Huwa mghallem mill-oghla awtoritajiet konvenzjonali fil-qasam tal-kuncett ta' smigh xieraq fi zmien ragonevoli, li t-tul tal-proceduri jiddependi hafna mic-cirkostanzi partikolari li jsawru kull kaz. Ma jezisti l-ebda zmien assolut li fih jista' jinghad, dejjem u bla tlaqliq, li ladarba jkun ghadda dak iz-zmien il-procedura ma tibqax izjed "ragonevoli". Iridu jitqiesu flimkien ghadd ta' fatturi bhalma huma (i) il-komplessita' tal-kaz, (ii) l-imgieba tal-parti, u (iii) l-atteggament tal-awtoritajiet amministrattivi u gudizzjarji. L-ebda fattur wahdu ma huwa konklussiv: iridu jitqiesu kollha separatement u mbaghad l-effett taghhom ilkoll jitkejjel u jintizen fid-dawl tal-kaz li jkun”.*

*‘Illi dan it-taghlim intlaqa' u gie applikat ukoll mill-Qrati taghna fit-tifsir li huma taw kemm lid-dispozizzjonijiet tal-*

*Konvenzjoni u kif ukoll dawk fil-Kostituzzjoni f'dak li ghandu x'jaqsam ma' procedimenti ta' ghamla penali. U jista' jinghad ukoll li dan jghodd kemm jekk il-Qorti li tkun qeghda twettaq funzjoni ta' gudikatura kriminali u kif ukoll jekk tkun qeghda taqdi funzjoni istruttorja".*

*"Fil-process gudizzjarju penali huwa l-gudikant li fl-ahhar mill-ahhar huwa l-moderatur tal-proceduri li jizgura mhux biss li jinzamm bilanc bejn il-kontendenti u l-mezzi disponibbli ghalihom biex jiddefendu r-rispettivi pozizzjonijiet taghhom, imma huwa wkoll moghti mill-ligi s-setghat u l-mezzi l-ohrajn kollha biex ikun jista' jizgura process gust u xieraq".*

Illi s-segwenza ta' fatti huma dawn illi gejjin: l-incident sar fit-22 ta' Settembru 1994 u r-rikorrenti tressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) fl-24 ta' Settembru 1995. Il-kawza giet deciza minn din il-Qorti fil-21 ta' Frar 2003 u l-appelli tar-rikorrent u l-Avukat Generali gew decizi mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-14 ta' Novembru 2003. Jirrizulta illi l-rikorrenti, fl-istadju tal-provi tieghu quddiem il-Qorti tal-Magistrati, talab illi jitressaq bhala xhud il-Kummissarju tal-Pulizija George Grech. Kienu instemghu xi xhieda okulari li taw il-versjoni taghhom f'Dicembru 1997 u jidher li kien hemm diversi differimenti minn dak in-nhar sad-data meta effettivament fit-12 ta' Novembru 1999 xehed il-Kummissajru tal-Pulizija izda jidher li tali differimenti kienu dovuti ghall-diversi ragunijiet fosthom differimenti mill-Qorti, talbiet mill-istess Kummissarju li kwazi qatt ma gew opposti mill-istess rikorrenti anke *tramite* d-difensur tieghu, u wkoll talbiet ta' differiment mill-istess rikorrenti anke fejn l-abbli difensur tar-rikorrenti jkun involut f'xoghol iehor fil-Qorti Malta. Fil-fatt jirrizulta li l-istess rikorrenti anke wara l-istess perjodu ghamel diversi talbiet ghall-differimenti ghar-ragunijiet varji u f'dan il-kuntest issir riferenza ghall-verbali kollha tal-process kriminali fuq indikati, fejn jirrizulta li ma kienx xi nuqqas *da parte* tal-Kummissarju tal-Pulizija li wassal sabiex il-kawza damet biex tinqata', izda kienu c-cirkostanzi tal-kaz stess inkluzi dawk li r-rikorrenti iltaqa' maghhom fil-kors tal-kawza, kif il-verbali tal-istess jindikaw, fejn mhux darba jirrizulta li l-istess rikorrenti talab differiment. Fejn kienet

rikjesta x-xhieda tal-Kummissarju tal-Pulizija jirrizulta li l-istess xhud kwazi dejjem informa lill-Qorti meta ma' setghax jattendi, u jidher li l-kontro-parti kienet ukoll informata tant li r-rikorrent stess ma' opponiex ghad-differimenti, u allura meta din il-Qorti rat il-verbali kollha tal-istess seduti u elenkat l-istess iktar il-fuq f'din is-sentenza ma thossx illi d-dewmien kien dovut ghall-istess Kummisarju tal-Pulizija u ma kienx tali illi jiggustifika dikjarazzjoni ta' lezjoni ta' drittijiet umani fil-konfront tar-rikorrenti. Dan dejjem fi process li dam diversi snin tant li wara li xehed l-istess Kummissarju tal-Pulizija, d-difiza ghalqet il-provi taghha fit-13 ta' Lulju 2001 u id-decizjoni minhabba diversi fatturi, nkluz dawk li kienu jirreferu ghar-rikorrenti,inghatat ghalhekk snin wara l-ghoti tal-istess xhieda.

Illi din l-Qorti trid taghmilha cara illi l-agrument tal-Avukat Generali illi skond huwa x-xhieda tal-Kummissarju tal-Pulizija kienet inutli ghall-finijiet tal-process kriminali in kwistjoni mhux rilevanti sabiex gie deciz dan il-punt u dan anke b'rispett lejn id-difiza li ghandha jkollha smigh xieraq. Din il-Qorti ma thossx li ghandha tikkummenta iktar dwar dan ghaliex mid-differiment stess jirrizulta sew ghaliex din il-kawza hadet il-kors li hadet izda dan ma jirrizultax li kien dovut ghal xi agir abbusiv *da parte* tal-Kummissarju tal-Pulizija.

Illi r-rikorrent jilmenta wkoll illi *stante* li kienu nstemghu hafna provi minn Magistrat wiehed (u cioe' l-Magistrat Dr. Paul Coppini), u sussegwentatment il-kawza giet trasferita ghal quddiem Magistrat iehor (il-Magistrat Dr. Giovanni Grixti), ir-rikorrent ipprotesta ghaliex qal li kien hemm konsiderazzjonijiet ta' kredibbilta' tax-xhieda tal-prosekuzzjoni li kienu xehdu quddiem l-ewwel Magistrat u li dan seta' jeffettwa negattivament lir-rikorrenti. Jidher illi din it-talba giet ipprezentata permezz ta' rikors nhar il-15 ta' Mejju 1997 quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) ta' Gudikatura Kriminali presjeduta mill-Magistrat Dr Giovanni Grixti li ddisponiet b'dan ir-rikors billi dekretat li:-

*"Tirrileva illi x-xhieda kollha f'dawn il-proceduri huma debitament irregistrati u traskritti kif tilob il-ligi. Illi l-*

*assenjazzjoni ta' xoghol lejn il-Magistrati ma jistax ikun soggett ghal talbiet simili liema talbiet jimpingu serjament fuq il-mod, il-kwantum u n-natura tat-tqassim. Ghal dawn il-motivi tichad il-talba.'*

Illi l-Qorti trid tara jekk fil-proceduri fit-totalita' taghhom giex imhares id-dritt fundamentali ghal smigh xieraq. Il-kawza kriminali in kwistjoni bdiet tinstema' quddiem il-Magistrat Grixti f'Mejju tas-sena 1997; huwa minnu illi kienu gja' instemghu xhieda izda kif irrileva l-Magistrat stess dawn kienu gew regolarment traskritti u seta' jiehu konjizzjoni taghhom. Il-Magistrat kompla jisma' il-kawza ghal hames snin ohra. Jekk ir-rikorrent hass illi l-bdil tal-Magistrat kien iledi d-drittijiet tieghu seta' anke ghamel referenza kostituzzjonali f'dan il-sens; haga illi ma saritx.

Illi din il-Qorti tghid illi jesizti d-dritt ghall-smigh xieraq quddiem tribunal imparzjali u ndipendenti u dan mhux necessarjament jikkomprendi d-dritt illi tkun gudikat mill-istess gudikant tul il-process kollu, gjaladarba li r-rekwisti tal-ligi u tas-smigh xieraq in generali jibqghu jigu imhasra u fil-fatt jidher li hekk sar fil-kaz odjern fejn il-Qorti jidher li hadet konjizzjoni u apprezzat sew ix-xhieda kollha li kellha quddiema, kemm dik li sema' il-Magistrat Coppini u kemm dik li instemghet mill-Magistrat Giovanni Grixti, b'dan li ma jirrizultax li r-rikorrenti sofra xi pregudizzju, u certament ma hemm l-ebda lezjoni tad-dritt ta' smigh xieraq fic-cirkostanzi tal-kaz odjern.

Illi f'dan il-kaz jidher illi l-bdil tal-Magistrat ma impinga xejn fuq id-dritt ghas-smigh xieraq anke meta wiehed jara l-process fil-totalita' tieghu u ghalhekk il-Qorti ma tistax takkolji l-ilment tar-rikorrent fuq dan il-binarju.

Illi dwar l-**artikolu 13 tal-Konvenzjoni** jinghad li dan jipprovdi li:-

*"Kull min ikollu miksura d-drittijiet u l-libertajiet tieghu kontemplati f 'din il-Konvenzjoni ghandu jkollu rimedju effettiv quddiem awtorità nazzjonali ghalkemm dak il-ksur ikun sar minn persuni li jkunu qed jagixxu f'kariga ufficjali".*

Illi f'dan il-kuntest ir-rikorrent isostni illi peress illi kellu nuqqas ta' access ghall-Qorti billi l-Pulizija naqset li tinvestiga u tressaq il-Qorti lill-Pulizija li ghamlu l-insegwiment u aggredewh, spicca billi ma kellux rimedju effettiv.

Illi l-ewwelnett, din l-Qorti tirrileva illi meta jigi invokat ksur ta' dan l-Artikolu, dan ikun ilment sussidarju u marbut ma' ilment iehor marbut ma' ksur ta' dritt fundamentali iehor li jkun allura l-ilment principali. F'dan il-kaz ukoll, ir-rikorrent, primarjament, qieghed iressaq l-ilment tieghu taht l-**artikolu 6 tal-Konvenzjoni u artikolu 39 tal-Kostituzzjoni**. Izda, kif gie ritenut diversi drabi mill-Qorti Ewropeja dan xorta wahda ghandu jigi trattat separatament mill-ilment ewlieni.

Illi l-**artikolu 13** jiggarantixxi illi jrid ikun hemm rimedju fil-livell nazzjonali sabiex jigu enfurzati d-drittijiet u libertajiet taht il-Konvenzjoni f'kwalunkwe forma approprjata fl-ordni guridika nazzjonali. B'hekk ilment ghandu ikun mistharreg taht sistema nazzjonali u jekk ikun il-kaz ikun hemm riparazzjoni ghall-allegat ksur. Il-Qorti Ewropea stabbiliet illi ma hemmx bzonn ta' prova ta' ksur effettiv sabiex tinvoka lment taht dan l-Artikolu; hemm bzonn pero ta' *'arguable complaint'.*

Illi fil-kaz **"Anne Marie Andersson v Sweden"** (ECHR deciza 27 ta' Awissu 1997) il-Qorti Ewropeja osservat illi:-

*"Article 13 of the Convention guarantees the availability of a remedy at national level to enforce the substance of the Convention rights and freedoms in whatever form they may happen to be secured in the domestic legal order. The effect of Article 13 is thus to require the provision of a domestic remedy allowing the competent "national authority" both to deal with the substance of the relevant Convention complaint and to grant appropriate relief, although Contracting States are afforded some discretion as to the manner in which they conform to their obligations under Article 13 (see, for instance, the Chahal v. the United Kingdom judgment of 15 November 1996, Reports 1996-V, pp. 1869–70, § 145). However, this*

*provision applies only in respect of grievances under the Convention which are arguable (see, for instance, the Boyle and Rice v. the United Kingdom judgment of 27 April 1988, Series A no. 131, p. 23, § 52)".*

Illi fil-kaz odjern ir-rikorrent istituwixxa proceduri ta' sfida sabiex il-Kummissarju tal-Pulizija jiehu passi kontra membri tal-Korp tal-Pulizija ghaliex huwa kien ta' l-opinjoni illi kellhom jitressqu penalment quddiem Qorti. Il-fatt huwa illi sabiex jigi iddikjarat illi gew lezi l-drittijiet tal-bniedem taht l-**artikolu 13 tal-Konvenzjoni** irrid ikun hemm nuqqas ta' rimedju ghall-*'arguable claim'* li jikkoncernaw id-dritt enuncjati fil-Konvenzjoni. Fil-kawza "Klass v Germany" (6 ta' Settembru 1978 Para. 64) '*In the Court's view, Article 13 (art. 13) requires that where an individual considers himself to have been prejudiced by a measure allegedly in breach of the Convention, he should have a remedy before a national authority in order both to have his claim decided and, if appropriate, to obtain redress. Thus Article 13 (art. 13) must be interpreted as guaranteeing an "effective remedy before a national authority" to everyone who claims that his rights and freedoms under the Convention have been violated".*

Illi f'din il-kawza ma jidhirx illi r-rikorrent permezz ta' procedura ta' sfida kien qieghed jilmenta dwar ksur tad-drittijiet tieghu taht il-konvenzjoni izda kien wisq probabbli jikkostitwixxi ruhu *parte civile* f'kawza kriminali kontra xi membri tal-Korp tal-Pulizija kieku il-proceduri ta' sfida kellhom success. *In oltre*, anki jekk wiehed jaccetta l-argument illi r-rikorrent kien qieghed ifittex rimedju ghall-ksur possibbli tad-drittijiet tieghu taht il-konvenzjoni xorta wahda din il-Qorti hija konvinta illi l-proceduri ta' sfida huma rimedju effettiv bizzejjed. Il-fatt illi tezisti din il-procedura ta' sfida fil-sistema guridika taghna hija rimedju ghal min ihoss illi l-Kummissarju tal-Puilizija naqas milli iressaq lil xi hadd quddiem qorti ta' natura penali. F'dan il-kaz il-procedura saret u giet immexxija quddiem qorti illi ghandha l-garanziji kollha ta' indipendenza u imparzjalita` rikjesta mil-ligi u din il-Qorti ddecidiet illi l-Kummissarju ma kellux iressaq dawn il-persuni. B'hekk dan l-ilment ukoll qed jigi michud

Illi dwar l-allegazzjonijiet ta' sofferenza u umiljazzjoni mressqa mir-rikorrenti fis-sottomissjonijiet tieghu jirrizulta li dawn ma jinkwadrax ruhhom taht l-ebda artikolu citat mir-rikorrent u ghalhekk l-Qorti mhix ser tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-allegazzjonijiet. Dwar id-danni l-Qorti tghid illi fil-kompetenza kostituzzjonali taghha l-Prim Awla tista' taghti biss kumpens bhala rimedju ghall-ksur tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem. Dan il-kumpens huwa separat u distinti minn danni fil-kamp strettament civili. Il-Qorti tinnota illi d-danni mitluba mir-rikorrent huma simili, fil-komputazzjoni taghhom, ghad-danni li jistghu jigu mitluba civilment. Din il-komputazzjoni mhix essenzjali ghall-finijiet ta' kumpens ghall-ksur ta' drittijiet tal-bniedem, ghalkemm tista' tigi mehuda in konsiderazzjoni meta qorti issib l-intimat effettivament hati ta' dan il-ksur. F'din il-kawza in partikolari din il-Qorti ma rrilevatx ebda ksur tad-drittijiet umani u ghaldaqstant ma tistax tghaddi billi taghti xi forma ta' kumpens.

Illi ghalhekk it-talbiet tar-rikorrenti qed jigu michuda.

**<u>III. KONKLUZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-waqt li tichad l-ewwel eccezzjoni ta' l-intimati dwar l-ezawriment tar-rimedji, u tichad it-tieni eccezzjoni *stante* li din ma hijiex relevanti ghad-determinazzjoni tal-kaz odjern ghar-ragunijiet fuq decizi, u fil-waqt li tichad it-tielet eccezzjoni tal-intimat l-Avukat Generali, izda tilqa' l-eccezzjonijiet l-ohra sollevati fir-risposta tal-intimati datata 26 ta' Mejju 1999 biss in kwantu l-istess hija konsistenti ma' dak hawn deciz, u **tichad it-talbiet kollha tar-rikorrent kif minnu proposti fir-rikors kostituzzjonali tal-24 ta' Mejju 1999** *stante* illi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet hawn decizi.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------